**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Vincent Xuereb**

**Kumpilazzjoni Numru**: 1059/2012

**Illum, 21 ta' Ottubru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Vincent Xuereb detentur tal-karta tal-identita` numru 82266M akkuzat talli fis-sena 2007, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi jew

billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta’ Christopher Zarb detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 38767(M), ta’ Francis Falzon detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 107562(M) u ta’ Philip Spiteri detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 412355(M), ai terminu ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta’ l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn (2) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:

1. Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat frodi u falsifikazzjoni mill-imputat ghad-detriment ta' tliet persuni u cioe` Christopher Zarb, Philip Spiteri u Francis Falzon. Tali frodi kien isir billi l-imputat kien jaghti lil dawn il-persuni cekkijiet li ma jissarfux.

Illi xehed **Francis Falzon** li gharaf lill-imputat fl-awla u stqarr illi a rigward in-negozju li kien ghamel mal-imputat Vince

Xuereb, huwa kien thallas l-ammont komplet u ghalhekk ma kellu l-ebda pendenzi ohra mieghu.

Illi xehed **Christopher Zarb** fejn stqarr illi huwa kellu pendenza ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) minghand Vincent Xuereb. Huwa qal li l-imputat kien qed jaghtih cekkijiet ta' diversi ammonti izda dawn qatt ma kienu jissarfu. Qal illi l-imputat kien tah xi cekkijiet f'daqqa (tal-kumpanija TopServ) biex imur isarrafhom ghand wiehed Joseph Schembri. Ix-xhud ma ftakarx kemm ha flus kontanti in kambju ta' dawn ic-cekkijiet izda ftakar zgur illi l-elfejn lira (2,000) li kellu pendenti mal-imputat, kien irnexxielu johodhom lura mill-kambju ta' dawn ic-cekkijiet. Stqarr illi wara xi zmien kien baghat ghalih Joseph Schembri biex jghidlu li c-cekkijiet ma kinux issarrfu u qal ukoll illi ghal ftit ma kienx hebb ghalih. A kawza t'hekk ix-xhud kellu jhallas lil Schembri ta' dawn ic-cekkijiet li ma ssarrfux. Ghaldaqstant ix-xhud kellu jiehu somma flus minghand l-imputat ammontanti ghal cirka sitt elef, seba' mija u hamsa u tletin Lira Maltin (Lm6,735) minghajr imghax, oltre l-elfejn lira (Lm2,000). Ix-xhud spjega illi wara dan kollu kien sar ftehim

b'avukat kif ukoll numru ta' kambjali in segwitu ta' dan l-ammont, izda x-xhud stqarr illi mis-sena 2007, u cioe` minn meta sar il-ftehim, huwa baqa' qatt ma thallas minghand l-imputat.

Illi xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** li esebixxa l-istqarrija tal-imputat li rrilaxxja fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) kif ukoll id-dikjarazzjoni li ffirma l-imputat fejn kien irrinunzja ghad-dritt tal-parir legali qabel l-interrogatorju. Huwa stqarr li mill-investigazzjoni li ghamel irrizulta li dawn l-erba' (4) cekkijiet kienu ffirmati minn certu Ivan Camilleri (illum mejjet). Qal li kien investiga lil Ivan Camilleri fejn kien irrilaxxa stqarrija fl-erbatax (14) ta' Novembru elfejn u tnax (2012) fejn kien ammetta li kien propju hu li ffirma c-cekkijiet u kien anki ghadda l-karta tal-identita` tieghu lil Vincent Xuereb halli meta Vincent Xuereb jghaddi c-cekkijiet lil Christopher Zarb huwa jemmen li dawn ic-cekkijiet kienu mahruga minn kont ta' xi kumpanija.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat **Vincent Xuereb** ikkonferma illi huwa rrinunzja ghad-dritt legali. Huwa spjega illi huwa ma jahdimx f'Malta izda jahdem f'Londra bhala *carer*. L-imputat stqarr illi huwa kienu ilu jaf lil Christopher Zarb ghal dawn l-ahhar erba' jew hames snin u li minghandu kien issellef xi flus. Huwa kkonferma illi sabiex irodd lura dawn il-flus kien ta lil Zarb xi cekkijiet li ma jissarfux. Qal li meta Christopher Zarb mar isarraf dawn ic-cekkijiet ghand Joseph Schembri, l-imputat kien ha lura madwar elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200). L-imputat spjega illi huwa kien iffirma skrittura a rigward dan id-debitu izda qal li m'huwiex minnu li din l-iskrittura kienet giet iffirmata in kambju ta' xi xoghol tal-injam li kien ghamillu Zarb. L-imputat gie mistoqsi dwar diversi cekkijiet li kien ta kemm lil Christopher Zarb, lil Francis Falzon u lil Philip Spiteri u stqarr illi huwa dejjem kien jaf li dawn ic-cekkijiet ma kinux jissarfu u li kien xorta pprova jhallas bihom sabiex jakkwista ftit izjed zmien.

Illi xehed **Romuald Attard** inrapprezentanza tal-Bank of Valletta, fejn stqarr illi mir-ricerka li ghamel dwar ic-cekk bin-

numru 335 sab illi l-*account holder* (All Works Limited) kien ghamel *stop payment* fil-hamsa (5) t'April tas-sena elfejn u sebgha (2007). Qal illi l-firmatarju ta' dan il-kont huwa Joseph Azzopardi.

Illi xehed **Christopher Zarb** li qal li huwa m'ghandu l-ebda konoxxenza ta' Francis Falzon u ma jaf xejn dwar il-pendenzi tal-imputat mal-istess Falzon. Ix-xhud ipprezenta wkoll skrittura (Dok. CZ1 a fol. 65) li ghamel mal-imputat quddiem avukat fejn l-imputat iddikjara li huwa debitur tieghu fl-ammont ta' sitt elef u seba' mija u hamsa u tletin Liri Maltin (Lm6,735). Ix-xhud spjega illi l-imputat kien tah diversi cekkijiet li ma kinux jissarfu u ghalhekk kellu jaghmel tajjeb ghal dak l-ammont.

Illi xehdet **Dr. Claudette Fenech** li pprezentat kopja tal-*memorandum and articles of association* tal-kumpanija TopServ Limited (C13149). Ix-xhud spjegat illi din il-kumpanija giet *struck off* minn fuq ir-registru mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012).

Illi xehdet **Rita Farrugia**, inrapprezentanza tal-HSBC, fejn giet murija ittra li kien baghat Mario Bartolo fejn kien qed javza lil *Economic Crime Unit* li l-kont bankarju tal-kumpanija Topserv kien ilu maghluq mis-sena elfejn u tlieta (2003) u li wara l-l-elfejn u sebgha (2007) xi hadd kien ipprova jsarraf xi cekkijiet mic-*cheque book* li kellha l-kumpanija. Di fatti hija tghid li c-cekkijiet inkwistjoni ma kellhomx il-firma tal-firmatarju tal-kumpanija TopServ u cioe` Noel Grech.

Illi xehed **PL Quentin Tanti** in rapprezentanza tal-*Malta Financial Services Authority* (MFSA) b'dan illi pprezenta kopja tal-*memorandum and articles of association* tal-kumpanija Dream Design Woodworks Limited.

Illi xehed **Jason Cachia** li qal li jaghmel xoghol ta' mastrudaxxa. Ix-xhud qal illi huwa kien jaf lill-imputat minhabba li l-*partner* tieghu Christopher Zarb kellhom xi kwistjoni bejniethom. Ix-xhud spjega wkoll illi lil Christopher Zarb kienu ilu jafu ghal madwar erba' snin, b'dan illi kienu jghaddu xi xoghol lil xulxin u kif ukoll minhabba l-fatt li

eventwalment kienu bdew jahdmu flimkien bhala *partners*. Ix-xhud spjega illi Zarb kien talbu sabiex isellef xi flus lill-imputat, b'dan li Zarb kien ser jaghmel tajjeb ghall-istess self. Di fatti ix-xhud sellef elf Lira Maltin (Lm1,000) lill-imputat bil-patt u l-kundizzjoni li jekk l-imputat ma jhallsux lura, Zarb kellu jaghmel tajjeb ghall-istess ammont.

Illi xehed **Philip Spiteri** fejn spjega illi huwa kien gar tal-imputat u li kien sellfu wkoll xi flus. Ix-xhud jispjega illi huwa kien sellef lill-imputat mitt Lira Maltin (Lm100). Huwa spjega illi minkejja illi l-imputat ma hallsux lura fiz-zmien miftiehem bejniethom, huwa xorta kien thallas mill-imputat. Ix-xhud spjega illi l-imputat kien ghaddielu cekk izda minhabba ragunijiet ta' sahha, kienet marret il-mara tax-xhud sabiex issarraf l-istess cekk.

Illi xehed ukoll **Joseph Azzopardi** fejn spejga illi huwa kellu kumpanija bl-isem ta' All Works Limited u qal illi kienu cemplulu mill-BOV biex jgharrfuh illi kien sar tentattiv sabiex jissarraf cekk tal-kumpanija izda l-firma ma kinitx tikkombaci mal-firma tieghu u ghalhekk il-Bank kien waqqaf dan ic-cekk

milli jissarraf. Kien ghalhekk illi x-xhud kien ghamel *stop payment*. Ix-xhud ikkonferma illi l-firma fuq ic-cekk esebit m'hijiex tieghu u li huwa biss kellu l-poter li jiffirma c-cekkijiet tal-kumpanija stante li huwa kien is-*sole signatory.*

Illi xehed **Francis Abela** li qal li huwa jahdem fil-gebel u li l-imputat kien ukoll talbu jselliflu xi flus, ammontanti ghal tletin elf Lira Maltin (Lm30,000). Ix-xhud spjega illi l-imputat kien tah diversi cekkijiet izda l-ebda wiehed ma kien jissarraf, kif ukoll kien tah diversi cekkijiet li kienu *post-dated*. Ix-xhud ipprezenta wkoll zewg dokumenti li huma prova tad-debitu li ghandu l-imputat fil-konfront tax-xhud.

Illi xehdet **Dr. Juliana Scerri Ferrante** fil-kapacita` taghha ta' espert kalligrafiku, fejn esebiet ir-rapport taghha dwar l-ezami li ghamlet fuq il-firem li jinsabu fuq ic-cekkijiet inkwistjoni (Dok. JSF1). Fir-rigward tal-firma hija kkonkludiet illi jkollha bzonn il-kampjuni tal-firma tal-mejjet Camilleri sabiex taghmel paragun; ikkonkludiet ukoll illi l-kalligrafija tal-imputat ma taqbilx mal-kalligrafija fuq l-erba' cekkijiet

inkwistjoni u ghalkemm il-kalligrafija fuq ic-cekkijiet kienet b'ittri minuskoli u l-imputat baqa' jikteb b'ittri majuskoli, xorta wahda ma hargux il-karatteristici necessarji sabiex jigi konkluz li kien l-imputat li kiteb l-istess cekkijiet.

Illi l-unika prova li giet imressqa mill-imputat kienet prova dokumentarja u cioe` skrittura (Dok. VX1 a fol. 246 tal-atti processwali) iffirmata bejn Christopher Zarb u l-imputat fit-tnejn (2) ta' Jannar elfejn u sittax (2016) fejn l-imputat ikkostitwixxa ruhu bhala veru, cert u likwidu debitur ta' Christopher Zarb fis-somma ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500) liema somma kellha tithallas fi zmien sena mid-data ta' din l-istess skrittura.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel (1) akkuza tittratta l-allegat frodi mill-imputat fejn qieghed jigi akkuzat talli ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu

(€2,329.37) ghad-dannu ta' Christopher Zarb, Francis Falzon u Philip Spiteri.

Illi l-elementi rikjesti biex jissussistu r-reati taht l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Fil-Ligi nostrali biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mis en scene* - ikun hemm it-truffa; jekk le jkun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat) - *Il-Pulizija vs Carmela German* deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta' Dicembru elfejn u erbgha (2004).

Illi x'jikkostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei: *"artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento*

*della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se'richiama l'idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera."*- Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356.

Illi sabiex tinstab htija ghar-reati kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` r-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat, irid jirrizulta li kien hemm frodi jew truffa perpetrata li ggib telf patrimonjali lill-vittma u qliegh ghal min jeffettwa tali frodi. Ghaldaqstant huwa evidenti li sabiex jissussistu l-akkuzi taht l-artikoli 308 u 309 irid ikun hemm prova cara li sar xi qliegh jew gwadann - **Il-Pulizija vs. Charles Le Brun** deciza mill-Qorti ta' Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April elfejn u sebgha (2007).

Fil-kaz odjern il-Qorti immedjatament tinnota li l-allegat qliegh johrog mill-iskritturi esebiti mill-vittmi permezz ta' liema jidher car li l-imputat iddikjara ruhu bhala debitur a favur il-vittmi. Minghajr dubju, l-imputat ghamel qliegh minn fuq tali vittmi.

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta b'mod konvincenti li dan kien propju kaz ta' frodi perpetrat minn agent b'forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq wassal lill-vittmi sabiex jaghmlu jew jonqsu milli jaghmlu xi haga li ggibilhom telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent. Di fatti johrog car mill-atti processwali li c-cekkijiet li l-imputat ta lill-vittmi spiccaw ma jissarfux bil-konsegwenza li l-vittmi kellhom johorgu tali flejjes minn buthom u ghalhekk sofrew telf patrimonjali.

Apparti minn hekk johrog b'mod car ukoll mill-atti processwali l-element tal-ingann, fejn l-imputat kien jaf li dawn ic-cekkijiet ma kinux jissarfu izda xorta wahda tahom lill-vittmi. Sabiex zgur jinganna lill-vittmi l-imputat kien sahansitra

jzomm fuqu u juri lill-vittmi l-karta tal-identita` ta' certu Ivan Camilleri li allegatament kien iffalsifika l-istess cekkijiet. L-imputat stess jammetti fl-istqarrija tieghu illi huwa ta dawn ic-cekkijiet sabiex il-vittmi ma jkomplux jigru warajh ghall-flus, u dan meta huwa kien jaf li 1) ic-cekkijiet kienu ffalsifikati u 2) ic-cekkijiet ma kinux jissarfu. B'hekk ma hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-imputat qarraq bil-vittmi f'din il-kawza b'tali mod li huwa wassal lil dawn il-vittmi sabiex isofru telf patrimonjali.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta ampjament ippruvata.

Illi l-Qorti ssib konfort anki fl-istqarrija tal-imputat. Il-Qorti tinnota li f'dawn il-proceduri hemm stqarrija tal-imputat li nghatat bil-kawteli kollha inkluz id-dritt tal-parir legali fejn l-imputat ikkonferma u ammetta illi kien jaf li c-cekkijiet ma jissarfux.

Il-Qorti nnutat ukoll li l-imputat ma ressaq l-ebda prova in difiza u fil-fatt qatt ma mar lura fuq dak li qal fl-istqarrija tieghu. Anzi l-unika prova li ressaq l-imputat kien propju skrittura ohra fejn ikkostitwixxa ruhu bhala veru, cert u likwidu debitur ta’ Christopher Zarb.

Fir-rigward tat-tieni (2) akkuza, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni resqet biss prova wahda f’dan is-sens u cioe` r-rapport tal-espert kalligrafiku li pero` ma jaghti l-ebda hjiel dwar min seta’ kien li ffirma u ffalsifika dawn ic-cekkijiet. In oltre l-espert kalligrafiku telimina li kien l-imputat u di fatti Dr. Juliana Scerri Ferrante tikkonkludi li l-kalligrafija tal-imputat ma taqbilx mal-kalligrafija fuq l-erba’ cekkijiet inkwistjoni.

Illi fl-istqarrija tieghu b’riferenza ghal zewg cekkijiet tal-HSBC (numri 1924 u 1880) l-imputat jghid li kien huwa stess li imliehom u ffirmahom: *“imlejtu kollu jien u anke ffirmajtu jien.”* Dawn ic-cekkijiet kienu appartinenti l-kumpanija Topserv izda minekkja dan il-Pulizija naqset milli tipproduci d-

direttur u/jew il-firmatarju ta’ din il-kumpanija u allura tenut kont tar-rapport tal-espert kalligrafiku ma hemmx prova li tmur lil hinn minn kull dubju li kien proprju l-imputat li ffalsifika tali cekkijiet u ghalhekk ma jistax jigi konkluz li kien l-imputat li ghamel falsifikazzjoni.

Ghalhekk il-Qorti ser tillibera lil Vincent Xuereb minn tali imputazzjoni fuq nuqqas ta’ provi.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll talli xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali. F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad mill-imputat fl-istqarrija tieghu fejn inghad is-segwenti:

*“Spettur Maurice Curmi: Dan l-istess erba’ cekkijiet tal-HSBC li ghaddejt lil Christopher Zarb, min iffirmahom?*
*Vincent Xuerueb: Dawk kien iffirmahom Ivan Camilleri wara li kont tlabtu jaghmel hekk jien.”*

Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputat kien jaf ben tajjeb li c-cekkijiet li kien qed juza u li effettivament ghadda lill-vittmi kienu foloz. B'hekk din l-akkuza tirrizulta ppruvata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 308, 310 (1)(a) u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Vincent Xuereb hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi dedotti kontrih u u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Vincent Xuereb l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**